MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Numru 671/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**vs**

**ALFIO ATTARD**

**Il-Qorti**

Rat lill-imputat **ALFIO ATTARD** ta' erbgha w erbghin sena bin Joseph u Rosaria nee Farrugia, iimwieled Pieta nhar t-tmienja t'Ottubru 1963 u residenti 136, 'Raishel', Triq il-Parilja, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita numru 545963M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn l-ghaxra ta' Lulju 2006 w il-hdax ta' Lulju 2006, bejn d-disgha ta' filghaxija w s-saghtejn ta' filghodu, gewwa l-Mosta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Charles Ebejer f'perikolu car, izda bil-hsieb li jikkagunalu hsara fil-gisem u/jew fis-sahha u/jew igiblu disorni fil-

mohh, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta'dan d-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. talli fil-Belt Valletta fl-istess jum, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra PS 455 Emanuel Sammut u cioe persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienet qed gtagixxi ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

4. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, meta kien fil-pubbliku qal xi kliem oxxen jew indecenti li kien wkoll jikkonsisti f'dagha;

5. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' pesuni nkarigati minn servizz pubbliku u cioe PS 455 Emanuel Sammut u PC 926 Lawrence Azzopardi, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jghamlu dmirhom jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi jew b'xi mod iehor;

6. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon oprdni jew il-kwiet tal-pubbliku;

7. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal Charles Ebejer;

8. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi uza armi, strumenti jew ghodod ohra li ma jitqiesux bhala armi hlief meta fil-fatt jigu wzati ghal offiza u li jissejhru armi rregolari.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Settembru 2007 (fol 74) sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza ta’ Gudikatura Kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sebgha ta’ Novembru 2007 (fol 75).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta’ Jannar 2008.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 76 et seq tal-atti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha t’Awissu 2006 **xehed PS 455 Emanuel Sammut** (fol 13) fejn ikkonferma li fil-hdax ta’ Lulju 2006, hu kien stazzjonat fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta meta ghall-habta ta’ nofs il-lejl kien mar Charles Ebejer jaghmel rapport li meta huwa kien fil-klabb tal-bocci jiehu *drink* kien hemm ragel, li huwa ma kienx jafu, u waqt konversazzjoni li kellu ma habib tieghu, qallu dan il-kliem ‘*sentejn ohra nirrangak ghax jiena laburist u ma nisthix nghid*’.

Ix-xhud kompla jghid li Charles Ebejer qallu xi kliem iehor li nizzel fl-okkorrenza tieghu li esebixxa bhala Dok. PS. Zied jghid li sussegwentement, wara li sar dan il-kliem l-istess persuna taha daqqa ta’ harta lil imsemmi Charles Ebejer w ghalhekk dan mar l-ghassa biex jara min hi din il-persuna. Ix-xhud zied jghid li hu mar flimkien ma PC 926 Azzopardi biex jara ezattament x’kien gara u meta wasalu fuq il-post, l-istess persuna, li gharaf bhala l-imputat presenti fl-awla, qabad lil Charles Ebejer mill-

glekk u sussgwentement kien hemm sikkina fuq bank fl-istess stabbiliment, li esebixxa u wkoll bhala Dok. PS 1, u dak il-hin stess l-istess imputat qabad din is-sikkina w ippuntaha fid-direzzjoni ta' dan Charles Ebejer. Qal li sussegwentement il-*barman* prova jtajjar is-sikkina minn id l-istess imputat u meta marru ghal fuqu, rema' s-sikkina minn wara minn idejh. Qal li wara hu arresta lill-imputat u informa lill-ufficjal tieghu u bdiet l-investigazzjoni relattiva.

Mistoqsi lil min indirizza s-sikkina dan Alfio Attard ix-xhud wiegeb li <u>Alfio Attard qabad lil Charles Ebejer minn ghonqu, bl-id wahda u bl-id l-ohra pponta s-sikkina fid-direzzjoni ta' l-istess Charles Ebejer</u>. Qal li distanza bejniethom, kien hemm ftit w il-moviment li ghamel l-imputat, deher li kien qisu ser iwahhallu din is-sikkina u kien hu stess li zamm lura. Ix-xhud spjega li sussegwentement l-imputat beda jheddu u jghidlu li hu izghar minnu u li kien ser ipattihielu w ipprova jerfa idejh fuqu ghalkemm ma messux. Qal li l-imputat waqaf milli jaghti d-daqqa bis-sikkina bl-ghajjat taghhom.

Illi nhar s-sebgha ta' Frar 2007 **xehed PC 478 Neville Mercieca** (fol 42) fejn wara li gie muri l-istqarrija esebita fl-atti rilaxxjata minn Alfio Attard, li gharaf prezenti fl-awla nhar il-hdax ta' Gunju 2006, ikkonferma l-firma tieghu fuq kull faccata taghha, liema stqarrija tikkonsisti f'zewg faccati, w immarkata bhala Dok CSH 1 inserita fl-atti a fol 20. Qal li dakinhar l-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Illi nhar s-sebgha ta' Frar 2007 **xehed PC 926 Lawrence Azzopardi** (fol 44) fejn qal li jiftakar li fil-hdax ta' Lulju 2006 kien mar jaghmel rapport certu Charles Ebejer, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl li lejliet kien fil-klabb tal-bocci, fi Triq il-Parrocca, Mosta u kien qala daqqa go wiccu. Zied jallega li kien jaf min kien tah din id-daqqa w ghalhekk hu mar f'dan il-klabb flimkien ma PS 455 Emanuel Sammut u Charles Ebejer indikalu min kienet il-persuna li aggreditu, liema persuna l-istess Charles Ebejer lanqas biss kien jafu, u li skond l-istess Charles Ebejer, issuspetta li kellu sikkina f'idu u li ramieha x'hin ra lilhom.

Ix-xhud zied jghid li fil-fatt hu ra lil imputat jarmi s-sikkina, liema sikkina giet imbaghad migbura mis-surgent fil-presenza tieghu. Qal li sussegwentement l-imputat gie arrestat u l-investigazzjoni tkompliet mis-surgent.

Ix-xhud ikkonferma li l-imputat odjern huwa l-istess persuna li ghamel referenza ghaliha u li kkopera maghhom waqt l-investigazzjoni. Qal li huwa <u>beda jirrezistihom meta haduh il-lock up u ma riedx jidhol fic-cella, tant li sahansitra kellhom jimmanettjawh peress li ma riedx jidhol</u>. Zied jghid li lanqas ma ried jidhol fil-karozza u kien ghalhekk li kellhom jimmanettjawh biex inkunu *safe*.

Illi nhar l-erbgha ta’ Gunju 2007 **xehed Charles Ebejer** (fol 57) fejn qal li s-sena l-ohra hu kien mar jaghmel rapport fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta ghaliex waqt li kien qieghed fil-*ground* tal-bocci, kien gie aggredit mill-imputat.

Qal li llum il-gurnata lil Alfio Attard ma jaghrfux ghaliex darba biss kien rah. Qal li ma jafx isem l-persuna li fil-fatt aggredietu u fil-fatt lil pulizija kien qalilhom li kien gie aggredit minn ragel u ma tax ismijiet. Qal li sussegwentement kien rega’ mar lura l-*pitch* flimkien mal-pulizija u din l-istess persuna harget is-sikkina ghalih quddiem il-pulizija.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni f’liema mument l-imputat kien ghamel ghalih, ix-xhud wiegeb li kif dahal hemmhekk, l-imputat dar fuqu u qallu li bih ma jitnejjikx, u hu rrispondih li ma kienx jafu u kien dak il-hin li tah daqqa go wiccu u hareg sikkina ghalih u wara kien mar jaghmel rapport lill-pulizija. Qal li s-sikkina harigha meta hu kien mal-pulizija. Qal li hu fl-ebda hin m’irrispondih.

Mistoqsi x’tip ta’ sikkina kienet ix-xhud wiegeb li kienet sikkina ta’ xi ghaxar pulzieri, bil-ponta u l-imputat kien resaq lejh biha u dak l-hin hu beda jimxi lura.

Mistoqsi kemm kien boghod minnu ix-xhud qal li kien xi zewg piedi jew tlieta boghod minnu biss.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin t'Awissu 2007 **xehed Alexander Saliba** (fol 67) fejn, mistoqsi jekk xi gurnata s-sena l-ohra hu kienx il-bandli tal-Mosta u ra xi ncident isehh, wiegeb li iva. Spjega li kien l-*pitch* tal-bocci u kien hemm certu Alfio, l-imputat odjern. Qal li xi hin giet persuna ohra w huma bdew jargumentaw bejniethom.

Mistoqsi mill-Qorti lil imputat x'rah jaghmel, wiegeb li ma rah jaghmel xejn, pero xi hin gew il-pulizija w ippruvaw jifirdu lil imputat minn ma din il-persuna.

Mistoqsi jekk rax xi haga f'idejn l-imputat, wiegeb li s-surgent dar fuq Alfio Attard u qallu biex jigbor sikkina li kien hemm mal-art. Qal li hu kien mar iferraq minn wara.

Mistoqsi jekk rax lil imputat jaghmel xi haga hdejn il-pulizija, wiegeb li diment li kien quddiemu, m'ghamel xejn hlief li <u>rrezista lill-pulizija, pero mhux b'forza qawwija</u>.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin t'Awissu 2007 **xehdet l-Ispettur Therese Sciberras** (fol 69) fejn qalet li fil-hdax ta' Lulju 2006, ghall-habta ta' xi nofs il-lejl kien mar l-ghassa tal-Mosta certu Charles Ebejer jaghmel rapport li persuna, li ma kienx jafha, kienet attakkatu waqt li kien il-klabb tal-bocci tal-Mosta. Qalet li meta il-pulizija marru fuq il-post ma dan Charles Ebejer, rrizulta li hdejn Ebejer kien hemm certu Alfio Attard li dan kien ghamel ghalih. Qalet li PS 455 Emanuel Sammut u PC 926 Lawrence Azzopardi marru f'dan il-klabb biex ikellmu lil imputat u meta kienu hemmhekk, l-imputat hareg sikkina w ipprova jhebb ghal Charles Ebejer. Qalet li waa l-pulizija hadulu s-sikkina u arrestawh u rrizulta li kien jismu Alfio Attard. Zidet tghid li fuq il-post kien hemm certu Alexander Saliba li meta kellmuh il-pulizija kien qal li kien prezenti meta kien sar l-incident.

Qalet li meta kien gie mitkellem l-imputat. dan kien innega li kien hebb ghal Charles Ebejer b'sikkina. Cahad wkoll li kien heddu u li m'obdiex l-ordni tal-pulizija. Qalet li sussegwentement l-imputat kien irrilaxxja stqarrija nhar l-hdax ta' Gunju 2006, wara li nghatatlu s-solitu twissija liema stqarrija tinsab esibita a fol 20 tal-atti odjerni

markata bhala dokument CSH 1. Ix-xhud gharfet il-firma taghha, dik ta' PC 478 Mercieca, li kien xhud ta' din l-istqarrija fuq l-istess. Spjegat li l-imputat Alfio Attard kien ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Meta kien gie mitkellem fid-dettall, ziedet tghid x-xhud, Charles Ebejer kien stqarr li hu kien mar il-Bocci Club biex jiehu *drink* u waqt li kien hemmhekk, kien gie avvicinat minn persuna, li ma kienx jafha, li bdiet tinsulentah u tkellmu fuq xi affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma politika. Qalet li Charles Ebejer kien stqarr li hin minnhom l-imputat kien tah daqqa go wiccu u meta gara hekk, mar fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta ghall-assistenza fejn imbaghad rritorna bil-pulizija mieghu u sussegwentement inqala l-incident. Qalet li sussegwentement l-imputat kien gie mressaq l-Qorti bl-arrest fil-hdax ta' Lulju 2006 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.
Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2008 **regghet xehdet l-Ispettur Therese Sciberras** (fol 80) fejn qalet li minn ricerka li ghamlet minn sistema kompjuterizzata tal-pulizija, ma nstabet ebda licenzja f'isem Alfio Attard biex igorr arma.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-imputat ma xehdx f'dan il-proceduri pero kien irrilaxxja stqarrija nhar l-hdax ta' Gunju 2006 esibita bhala Dok. CSH 1 fl-atti. L-imputat, f'din l-istqarrija stqarr li dakinhar tal-incident hu kien presenti fil-klabb tal-bocci tal-Mosta fejn kien mar jiehu drink. Effettivament jghid li kien ha *gin and tonic*. Spjega li pero qabel ma mar f'dan il-bar biex jiltaqa ma xi habib tieghu, kien xorob xi hames birra f'bar li ghandu hu l-Floriana. Ikkonferma li waqt li kien fil-*pitch* tal-Mosta, resaq ragel u kellhom xi jghidu fuq il-politika pero kif beda l-argument ma setghax jiftakar. Spjega li bdew jargumentaw, pero jghid li fl-ebda hin ma messu. Wara xi hin din il-persuna telqet u waslu l-pulizija u qal li spicca arrestat ghaliex din il-persuna allegat li hu kellu sikkina, ghalkemm huwa jichad din l-allegazzjoni.

Huwa jammetti li kellu xi jghid mal-pulizija kemm fil-Floriana Health Centre kif wkoll fil-*lock up* u qal li ghamel

hekk ghaliex hassu aggravat b'dak li bdew jallegaw l-pulizija u cioe li kellu sikkina.

Mistoqsi jekk il-pulizija ghamlulux xi haga sabiex huwa agixxa bil-mod li agixxa fil-konfront tal-pulizija b'mod aggressiv meta ppruvaw jimmanettjawh, l-imputat wiegeb li l-pulizija m'ghamlulu xejn.

Illi ghalhekk, mill-provi prodotti u cioe kemm minn dak li jghid l-imputat stess fl-istqarrija tieghu, li ma giex negat minnu viva voce l-Qorti, kif wkoll mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali kif jirrizulta a fol 76 tal-atti processwali.

Il-Qorti nnutat li l-imputat ma giex akkuzat li hu recidiv minkejja li skond l-fedina penali tieghu esibita fl-atti jirrizulta li l-imputat huwa recidiv.

Rat pero li minn ezami tal-istess fedina penali, jirrizulta li hu diga ghandu sitt *convictions* registrati fuqha dwar pussess t'armi f'zewg okkazzjonijiet, evazjoni ta' dazju f'zewg okkazzjonijiet u talli kellu fil-pussess tieghu sikkina minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, apparti numru ta' kontravenzjonijiet ta' portata zghira.

Il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li l-imputat jista jipposjedi armi u jzomm armi rregolari qisu xejn m'hu xejn w imbaghad juza dawn l-istess armi rregolari b'theddid ghan-nies, u meta jigi mwaqqaf mill-pulizija, ihebb ghalihom wkoll.

Illi dan l-agir tal-imputat ghandu jigi kundannat bl-aktar mod sever w il-Qorti thoss li wasal iz-zmien li tuza l-id iebsa mieghu u turih li jrid jhallas ghal agir illegali tieghu.

Illi l-Qorti b'dan trid tibghat messagg lis-socjeta 'n generali li l-pulizija qeghda hemm biex tipprotegi c-cittadin u mhux biex tilqa l-aggressjoni w attakki t'individwi bhal imputat w ghalhekk thoss li hemm bzonn li l-imputat odjern

jitghallem darba ghal dejjem li jekk ser jibqa jikser l-ligi, mhux ser isib il-klemenza ta’ dawn il-Qrati.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 41(1)(a), 214, 216(1)(b), 221, 338(bb)(ee)(dd),339(1)(b)382A, 383, 384, 386, 412C, 17, 23, 31, 95(1)(a), 96 u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat ALFIO ATTARD hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena mill-lum filwaqt li tikkundannah ihallas multa ta’ mitejn (200) Euro wkoll. Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**Fl-ahhar nett il-Qorti tordna l-konfiska tas-sikkina esibita bhala PS 1 (Dok. KA 206/06) minn PS 455 Emanuel Sammut favur il-Gvern ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------